# DAWL GHAL OHRAJN



Ta’ sittax-il sena Helenka sellmet lill-genituri taghha u lil hutha u halliet id-dar. Marret f’belt jisimha Aleksandrów Łódzki fejn Kazimierz Bryszewski u martu Leokadia kellhom hanut tal-hobz u forn f’ Nru. 30 fi triq Parzęczewska . (illum jisimha 1 Maja 7 St.). Kellhom bzonn ta’ l-ghajnuna fix-xoghol tad-dar u biex ukoll xi hadd jiehu hsieb binhom Zenek. L-omm kienet isservi lil dawk li kienu jigu jixtru u Helenka kienet tnaddaf, tghin fit-tisjir u tahsel u iggorr l-iskart u iggib l-ilma billi dak iz-zmien ma kienx hekk ilma gieri fid-djar. Billi il-genituri ta’ Zenek kienu jipprovdu l-ikel lil impjegati taghhom, Helenka kienet iggibulhom hi. Jekk kien jifdal xi hin, kienet tghaddih mat-tifel tilghab mieghu. Kellha hafna xoghol x’taghmel billi d-dar kellha erbat ikmamar, u kien hemm il-hanut u l-forn. Hekk jiftakarha Zenek u jiddeskriviha fil-hidma taghha.

Jum wiehed hija rat dawl straordinarju. Hasbitu li kien hemm xi nar u bdiet tghajjat hekk kif il-lavranti kienu qed ipoggu l-hobz fil-forn. Kien allarm falz. Wara dak id-dawl misterjuz hija rritornat lura lejn Głogowiec biex titlob permess halli tidhol f'kunvent. Ghalkemm il-genituri taghha kienu jibzghu minn Alla, ma riedux icedu l-ahjar wild taghhom. Bhala skuza qalulha li ma kellhom mezzi bizzejjed biex jaghtuha dota (billi f'dawk iz-zminijiet kull min jidhol jaghmel parti f'xi kongregazzjoni kellu jiehu mieghu dota.) Helenka marret lura tahdem ta' seftura din id-darba gewwa Łódź. Ghal l-ewwel qaghdet ghand zijuha Michał Rapacki u kienet tahdem ghal tlett xebbiet li kienu terzwarji ta' San Frangisk. Meta kienet f'dan ix-xoghol talbet biex tinghata hin halli tisma' il-quddiesa kuljum, izzur il-morda u l-moribondi u tuza' is-servizz tal-konfessur li kienu juzaw huma.

Fit-2 ta' Frar tas-sena 1923 Helenka giet mibghuta minn agenzija tax-xoghol fid-dar tas-Sinjura Marcjanna Sadowska li kellha hanut fi Triq Abramowskiego, numru 29, u bzonn min jiehu hsieb it-tlett uliedha. Is-sinjura Sadowska tghid hekk fuq id-domestika Helenka: " Kelli mohhi mistrieh. Kienet tiehu hsieb il-htigijiet tad-dar ahjar milli kont niehu hsieb jiena. Kellha qalbha tajba, edukata u tahdem hafna. Ma ghandi xejn xi nghid kontra taghha. Kienet mara twajba hafna. Ma ghandix kliem biex niddeskriviha kemm kienet mara twajba."

Helenka kienet tiehu hsieb it-tfal ta' min jimpjegaha u anke kienet tinteressa ruhha f'min kellu bzonn, li minnhom ma kienx hemm nuqqas. Ragel marid kien jghix gewwa kamra ta' l-injam taht it-tarag ta' dar. Helenka kienet tiehu hsiebu

mhux biss billi tipprovdilu l-ikel imma gabitlu wkoll sacerdot biex jiehu hsieb is-salvazzjoni ta’ ruhu.

Meta ghalqet it-tmintax-il sena, ghal darb’ohra talbet lill-genituri taghha biex tidhol f’kunvent u huma regghu rrifjutaw li jtuha permess. Hija tistqarr li “wara dan ir-rifjut tal-genituri tieghi, jiena tajt ruhi ghall- hwejjeg tad-dinja, u warrbat is-sejha tal-grazzja, ghalkemm ir-ruh tieghi qatt ma sabet sodifazzjoni fihom.”

Kompliet tikteb fid-djarju taghha: *“ Ghaddejt minn dwejjaq kbar minhabba din il-haga. Ippruvajt li nifga’ din is-sejha billi grejt wara l-pjaciri. Kelli stedina biex immur nizfen gewwa Wenecja Park u accetajtha. Hekk kif bdejt nizfen rajt lil Gesu’ hdejja u x’hin Gesu’ nehha hwejgu biex jurini l-griehi li sofra fil-passjoni qalli “Kemm ser indum nistennik u kemm ser iddum twarrabni?”* (Djarju para 8 u 9)

“Ghamilt ta’ bir-ruhi li ghandi ugigh ta’ ras u malajr hallejt il-kumpannija li kont fiha u erhejtilha lejn l-eqreb knisja, il-katidral ta’ San Stanislaw Kostka.”

Hemm hija mteddet ma’ l-art quddiem is-Sagrament u talibtu jghidilha x’pass kellha tiehu. “ Mur minghajr dewmin gewwa Varsavja,” kienet it-twegiba ta’ Gesu’, “ u, idhol fil-kunvent hemmhekk.” Minghajr ma talbet il-kunsens tal-genituri taghha hija sarret xi hwejjeg u erhitilha lejn il-kapitali.

Hekenka  talbet l-ghajnuna tal-kappillan tal-parrocca ta’ San Gakbu, Fr Jakub Dąbrowski. Irreferiha ghal xi hbieb tieghu li kien jaf, Aldona u Samuel Lipszyc, gewwa Ostrówek fid-

distrett ta’ Klembów, li kienu jehtiegu kuratrici ghat-tfal taghhom. Maghha baghat nota lil dawn iz-zewgt konnoxenti li kienet tghid li lit-tfajla ma kienx jafha, izda kien jittama li kellha tkun ta’ ghajnuna ghalihom. Hemm Helenka sabet kenn u bdiet tfittex il-kunvent u meta sabitu, kompliet ma’ din il-familja ghal sena ohra biex iggemma’ flus bizzejjed halli jkollha d-dota. Tistqarr Aldona wara hafna snin, li Helenka kienet tkanta hafna, l-aktar l-innu ta qima lil Gesu’ Sagrament.

Fid-dar ta’ Lipszyc Helenka kienet meqjusa bhala membru tal-familja’ kulhadd kien jirrispettaha u jhobbha ghax-xoghol preciz taghha u l-karattru ferriehi li bih kienet imzejna u anke ghal imgieba u trattament li kienet turi mat-tfal taghhom. Is-sinjura Lipszyc hajritha li tizzewweg. Imma Helenka kienet tal-fehma li qalbha kienet hekk kbira li ebda imhabba umana ma kienet tissodisfaha. *Kien waqt l-ottava ta’ Corpus Christi (25 ta’ Ġunju 1925). Alla mlieli ruħi bid-dawl interjuri ta’ għarfien iktar fil-fond Tiegħu bħala Tjubija Suprema u Sbuħija Suprema. Sirt naf kemm Alla jħobbni. Ma tintemm qatt l-imħabba Tiegħu għalija. Kien waqt il-vespri. Bi kliem sempliċi, li ħareġ bla ebda sforz mill-qalb, jiena għamilt vot ta’ kastita’ perpetwa lil Alla. Minn dak il-waqt jien ħassejt intimita’ ikbar ma’ Alla, l-Għarus tiegħi. Minn dak il-waqt jien għamilt ċella żgħira ġewwa qalbi fejn dejjem żammejt kumpanija lil Ġesu’.* (Djarju 16)